**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

Id-Disa' Leġislatura

**Laqgħa Numru Wieħed u Tletin (31)**

**28 ta' Mejju 2026**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq It-Tiġrija. Il-laqgħa tal-kunsill bdiet fil-18.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

**Victor Curmi- Sindku**

**Dr. Christian Zammit - Kunsillier**

**Marion Rita Portelli- Kunsilliera**

**Dr Kevin Cutajar- Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**Leanne Micallef- Kunsilliera**

**Dr Francienne Muscat- Kunsilliera**

**ASSENTI**

**Aaron Agius – Viċi Sindku**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

**31.1 Talba**

Intqagħlet talba tal-bidu flimkien. Is-Sindku s-Sur Victor Curmi ippresieda l-laqgħa.

**31.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Il-Kunsilliera Dr. Francienne Muscat u Leanne Micallef ma setgħux jattendu u t-talba tagħhom sabiex ikunu skużati kienet milqugħa. Il-Viċi Sindku Aaron Agius kien assenti għal-laqgħa.

**31.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 30 u Skeda ta' Pagamenti 5;**

Il-minuti tal-Laqgħa Nru 30 kif ukoll l-Iskeda ta' pagamenti No 5 ġew iċċirkulati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

Dr. Kevin Cutajar talab sabiex meta jissemma l-Perit ikun hemm ukoll referenza għal ismu, liema korrezzjoni ġiet konfermata. Semma wkoll li ma jidhirlux li ġew ippreżentati ritratti fil-laqgħa u xtaq li jitniżżel ukoll li hu kien qed joġġezzjona minħabba li t-tibdil kien se jkun qed isir fuq il-bankini. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li r-ritratti ġew filfatt ippreżentati fil-laqgħa u kien hemm qbil li tiżdied nota f'punt numru 30.9 sabiex ikun iċċarat dak li qal il-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar.

Il-minuti kif ukoll l-iskeda ta' pagamenti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Għal daqstant dawn huma meqjusa bħala dokumenti uffiċċjali.

**31.4 Komunikazzjoni tas-Sindku ta' tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

Ma kienx hemm komunikazzjoni min-naħa tas-Sindku Victor Curmi.

Il-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar talab li nitolbu lil Rueben Said minn Transport Malta sabiex jgħaddilna kopja tal-approvazzjoni li kienet ħarġet minn TM meta saret street hump ta' Triq Mannar minħabba li skond hu din l-approvazzjoni tinsab TM.

**31.5 Qari tal-Korrispondenza u lmenti mir-residenti.**

- Fuq proposta tas-Sindku Victor Curmi li ġiet sekondata mill-Kunsillier Christian Zammit u permess ta' rizoluzzjoni numru 04/2026 ġie approvat li għandna napplikaw taħt skema numru SPI/SCI/04/2026 sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni lill-funtana, pavimentar, street furniture u ħitan li jinsabu fi Ġnien ta' Triq Ružar Briffa kantuniera ma Triq Ottobejer fix-Xagħra. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jagħti l-kontribut tiegħu ta' 15% għal dan il-proġett.

- Talba għall-kollaborazzjoni mingħand Għaqda tan-Nar sabiex tittella attvita' li ser issir fis-26ta' Ġunju 2026. Kien hemm qbil li nikkolaboraw sa massimu ta' €350.

- Talba għall-kollaborazzjoni mingħand l-Għaqda Briju sabiex isir xow spettakolari b'150drone waqt il-marċ tal-festa. Kien hemm qbil li nikkolaboraw sa massimu bl-istess ammont bħas-sena ta' qabel.

- Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri bid-dati kollha ta' meta se tkun magħluqa l-Pjazza. Dan minħabba li se jinzerta jkun hemm l-għeluq minħabba s-Summer Gigs u ġranet oħra għal-attivitajiet imtella mill-Knisja. Ġie ssuġġeriet li naraw biex fejn hu possibbli ma jaħbtux flimkien.

- Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li se ssir l-attivita' tat-tlielaq tal-karozzi fi Triq ta' Ħamet organizzata minn Hill Climb. Din se ssir fl-14ta' Ġunju 2026. Il-membri fakkru fl-importanza li l-pubbliku jkun infurmat bid-diverżjonijiet tat-traffiku kif ukoll li l-organizzatur jkollu l-assigurazzjonjiet meħtieġa.

- Il-membri kienu nfurmati illi l-mużew infurmana li l-kors tal-First Aid ma jistax isir fil-propjeta' tagħhom. Għalhekk kien hemm qbil li dan isir iċ-Ċirklu jew kif ippropona Dr. Kevin Cutajar, l-Azzjoni Kattolika.

- L-applikazzjoni tal-Kunsill għall-ġemellaġġ mal-Belt ta' Rahovec kif ukoll ma dik ta' Atessa ġew approvati. Għalhekk, irridu nimxu għaċ-ċerimonja ta' ffirmar bejn il-partijiet, liema nformazzjoni se tkun qed tgħaddi lill-Kunsilliera wara li nikkonfermaw mas-Sindku ta' Rahovec.

- L-Fig Festival - Ġiet diskussa l-possibilta' li l-ikel jkun ippreparat ġo kaxxi disposable tal-plastic. Kien hemm qbil dwar dan.

**31.6 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-19.00pm u ġiet aġġornata għal-Ħamis, 25 ta' Ġunju 2026 fis-17.00pm.

Konfermati illum Il-Ħamis, 25 ta' Ġunju 2026.

**IFFIRMATA**

**Victor Curmi**
**Sindku**

**IFFIRMATA**

**Heidi Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**